



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0091/2023**

25.1.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar strateġija tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali, lill-kummerċ u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità  
(2023/2513(RSP))

**Anna Cavazzini, Bas Eickhout**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**B9-0091/2023**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar strateġija tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali, lill-kummerç u l-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità (2023/2513(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (COM(2020)0102)
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 bit-titolu "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa" (COM(2021)0350),
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra t-tħabbira tal-President tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2023 dwar att ġdid dwar l-industrija b'emissjonijiet zero netti,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-tibdil fil-klima u l-kollass tal-bijodiversità jirrappreżentaw theddida eżistenzjali għall-umanità u għal speċijiet oħra, li jirrikjedu trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi urġenti u profondi; billi kwalunkwe attività ekonomika hija direttament jew indirettament involuta f'din it-theddida jew affettwata minnha, li tirrikjedi li s-setturi kollha jadattaw u jikkontribwixxu għan-newtralità klimatika, jiġu sostitwiti jew jitneħħew gradwalment;
- B. billi d-dipendenzi Ewropej minn pajjiżi terzi u s-setgħat dinjija f'oqsma bħall-enerġija, il-mediċini, it-teknoloġija jew il-materja prima joħolqu vulnerabbiltajiet u jistgħu jnaqqsu l-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi;
- C. billi l-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi attwali tal-enerġija u l-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna poġġew taħt prova r-reżiljenza tal-ekonomiji madwar id-dinja u amplifikaw ir-rilevanza tar-reżiljenza bħala karatteristika kritika tal-kompetittività, jiġifieri hemm bżonn li wieħed imur lil hinn mill-fehim tal-

---

<sup>1</sup> ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

<sup>2</sup> ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

kompetittività sempliċiment abbażi tal-prezz u tal-l-ispiża;

- D. billi l-mudell ta' produzzjoni tagħna, li sa dan l-aħħar kien jibbaża ħafna fuq l-importazzjonijiet irħas tal-gass fossili mir-Russja, iżda wkoll fuq l-estrattivizmu u x-xogħol bi rħis minn pajjiżi terzi, mhuwiex sostenibbli; billi l-importazzjonijiet tal-UE jammontaw għal terz tal-impronta tal-karbonju tagħha; billi l-enerġija rinnovabbli bħalissa hija l-orħos sors u l-aktar sors ta' enerġija li jista' jintuża rapidament;
- E. billi n-nuqqas ta' politika industrijali komuni sa mill-ħolqien tal-Unjoni kien fattur ewlieni fiż-żieda tad-dipendenza tagħha u d-deindustrijalizzazzjoni ta' setturi strateġiċi, u qed ixekkel il-kapaċità tal-UE li tiżviluppa industriji robusti, innovattivi u sostenibbli;
- F. billi 71 % tal-emissjonijiet industrijali jistgħu jkunu marbuta ma' ħames materjali bażiċi, jiġifieri s-siment, il-ħadid u l-azzar, is-sustanzi kimiċi u l-petrokimiċi, l-aluminju, u l-polpa u l-karta, minħabba l-intensità tal-enerġija tagħhom, l-emissjonijiet ta' proċess u l-potenzjal taċ-ċirkolarità ingranat ħażin;
- G. billi l-industrija tirrappreżenta 25 % tal-konsum tal-enerġija tal-UE, li minnu 16 % biss jiġi minn sorsi rinnovabbli, u hija t-tieni l-akbar settur f'termini tal-konsum finali tal-gass tal-UE, li jammonta għal 38 % minnu; billi l-industriji intensivi fl-enerġija bħas-sustanzi kimiċi, l-azzar, il-karta, is-siment u l-ikel jammontaw għal kważi kwart tal-użu tal-gass fossili tal-UE, li 85 % minnu jintuża għat-tiħin tal-ispazju u tul il-proċess; billi, minkejja l-potenzjal enormi tal-industrija, soluzzjonijiet ta' flessibilità bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli, effiċjenti fl-enerġija u orjentati lejn id-domanda kif ukoll żieda fir-riċiklaġġ u effiċjenza ikbar tal-materjali s'issa baqgħu mhux sfruttati;
- H. billi ostaklu ewlieni għall-investment fl-effiċjenza enerġetika huwa dovut għal nuqqas ta' għarfien espert fl-opportunitajiet ta' ffrankar tal-enerġija teknikament disponibbli u l-benefiċċji ekonomiċi tagħhom;
- I. billi l-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur fiż-żona tal-euro laħqet livelli li ilhom ma jidhru mis-snin 70 f'ħafna pajjiżi, li tammonta għal 10.1 % f'Novembru 2022 u hija fil-biċċa l-kbira xprunata minn żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija fossili u tal-ikel; billi aktar minn 96.5 miljun Ewropew huma f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, u ħafna kumpaniji affettwati ħafna mill-kriżi tal-enerġija huma f'riskju ta' falliment, speċjalment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); billi, għall-kuntrarju tal-kriżijiet preċedenti li kollha raw il-profitti jonqsu, il-profitti f'firxa wiesgħa ta' industriji zdienu b'mod sinifikanti minn meta faqqgħet il-pandemija, pereżempju bi kważi 20 % fis-setturi tal-ospitalità u t-trasport;
- J. billi d-dekarbonizzazzjoni, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-imperattivi għall-protezzjoni tan-natura huma karatteristiċi ewlenin tal-qafas normattiv il-ġdid għar-reindustrijalizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea;
- K. billi t-tiħin tal-awtonomija strateġika tal-UE jirrikjedi taħlita ta' soluzzjonijiet differenti, inkluż it-tnaqqis tal-użu tal-enerġija u tal-materjal, it-tiħin tal-kapaċitajiet tal-manifattura u tal-produzzjoni tal-UE, l-investimenti f'setturi strateġiċi u r-riċerka u l-iżvilupp, ir-ripartizzjoni tan-negożji u d-delokalizzazzjoni f'pajjiż qrib, il-kumulazzjoni tar-riżervi, is-simplifikazzjoni tal-akkwist pubbliku, il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari u d-diversifikazzjoni tal-fornituri permezz ta' sħubijiet u alleanzi

settorjali, u l-kunsilli tal-kummerç u tat-teknoloġija ma' pajjiżi sħab;

- L. billi miri ambizzjużi dwar l-enerġija u l-klima, regolamentazzjoni ambjentali stretta u armonizzata tal-industriji li jniġġsu fl-UE, regoli ġodda dwar is-sostenibbiltà tal-prodotti għas-suq uniku u s-sorveljanza u l-infurzar robusti tas-suq uniku huma deċiżivi biex jagħtu l-vantaġġ kompetittiv lill-kumpaniji tal-UE ħalli jmexxu t-tranżizzjoni globali lejn ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari;
- M. billi, għall-kuntrarju, nuqqas ta' inċentivi, infurzar batut tar-regoli tas-suq intern, speċjalment għall-importazzjonijiet, dewmien u nuqqas ta' miri ambizzjużi stabbiliti mil-liġi wasslu għal żvantaġġ ekonomiku sinifikanti għall-produtturi tal-UE u wasslu biex pajjiżi terzi attiraw dawk li jidħlu l-ewwel f'setturi kritiċi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u ċirkolari, inkluż ir-riċiklaġġ u r-raffinar ta' materja prima ta' kwalità għolja;
- N. billi l-volum stmat ta' investimenti annwali addizzjonali meħtieġa biex jintlaħaq l-oġettiv stabbilit fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima tan-newtralità klimatika sal-2050 huwa ta' madwar 1.7 - 2 % tal-PDG u huwa meħtieġ kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat; billi t-trasformazzjoni tal-industrija tal-UE tirrikjedi investimenti sinifikanti fit-tul u għalhekk viżjoni regolatorja u politika fit-tul u stabbli;
- O. billi l-kapaċità ta' innovazzjoni, il-kapaċità li jintużaw u li jiżdiedu soluzzjonijiet sostenibbli b'emissjonijiet żero għan-newtralità klimatika u d-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għoljin u mħarrġa sew huma ingredjenti deċiżivi għat-trasformazzjoni industrijali; billi setgħat ekonomiċi oħra sejrjn ħafna aħjar mill-UE fin-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) peress li l-oġettiv ta' investiment ta' 3 % tal-PDG fir-R&Ż mhux qed jintlaħaq fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri; billi fl-UE nsibu istituti ta' riċerka, kumpaniji u nies tas-sengħa fost l-aqwa fid-dinja u għandha l-potenzjal li tkun minn ta' quddiem fid-dinja fl-innovazzjoni industrijali biex tilħaq il-mira tal-UE għan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2040;
- P. billi l-akkwist pubbliku jammonta għal 14 % tal-PDG tal-UE; billi l-akkwist pubbliku huwa strument essenzjali għas-sigurtà nazzjonali u ekonomika li jista' joħloq domanda stabbli għal prodotti u servizzi innovattivi, sostenibbli u ċirkolari, u b'hekk jappoġġja l-użu tagħhom; billi l-akkwist pubbliku huwa għodda kruċjali għall-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista reżiljenti u sostenibbli f'setturi kritiċi u strateġiċi;
- Q. billi politika industrijali ekoloġika tista' ssir il-mutur tal-ħolqien tal-impjiegi f'industriji emerġenti u eżistenti, inkluż fil-manifattura tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa li fiha l-għadd ta' impjiegi fid-dinja jista' jikber b'aktar mid-doppju minn sitt miljun illum għal kważi 14-il miljun sal-2030;
- R. billi l-ġirja globali dejjem aktar mgħaġġla biex jifassal il-futur tal-manifattura tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa, imsaħħa minn interventi pubbliċi enormi minn setgħat dinjija bħall-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni, tista' toffri opportunitajiet kbar għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità fl-industriji eżistenti u emerġenti; billi rispons mhux ikkoordinat mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri, li għandhom spazju fiskali differenti għall-għajjnuna mill-Istat, jista' joħloq riskju serju ta' frammentazzjoni tas-suq uniku; billi żewġ Stati Membri biss jammontaw għal kważi 80 % tal-għajjnuna mill-Istat approvata fl-ambitu tal-Qafas Temporanju ta' Għajjnuna

mill-Istat għall-kriżijiet stabbilit mill-COVID-19 'l hawn;

***Il-promozzjoni ta' kompetittività Ewropea sostenibbli fit-tul***

1. Jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' politika industrijali ekoloġika tal-UE, li tmur lil hinn mill-adozzjoni ta' att dwar industrija newtrali għall-klima, sabiex jiġu appoġġjati l-oġġettivi u l-miri tal-UE fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippreżervaw politika u qafas regolatorju li jħarsu 'l quddiem sabiex titħaffef it-trasformazzjoni tas-setturi industrijali tal-UE li diġà bdiet lejn emissjonijiet zero, filwaqt li jitqiesu l-impatti soċjali u tal-ġeneru kif ukoll l-ispejjeż ta' nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-UE;
2. Jitlob li din il-politika industrijali tal-UE (1) issaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE u tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha, (2) tiżgura l-allokazzjoni ta' riżorsi għal setturi li l-espansjoni rapida tagħhom hija kritika għat-trattamenti mediċi u t-tranżizzjoni ekoloġika, bħat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli (inklużi dawk solari, eoliċi, pompi tas-sħana u idroġenu rinnovabbli), proċessi u soluzzjonijiet industrijali bbażati fuq ir-rinnovabbli biex jitnaqqas l-użu tal-enerġija u tal-materjal, u (3) biex jiġu ċeduti l-investimenti li mhumiex kompatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija;
3. Jinsisti fuq il-ħtieġa imperattiva li l-konsum jiġi diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u li jinkiseb tnaqqis assolut fl-użu tar-riżorsi sabiex jittaffew u eventwalment jintemmu d-dipendenzi strateġiċi tal-UE;
4. Itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tipproponi miri vinkolanti tal-UE għall-2030 sabiex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-impronti fuq il-materjali u tal-konsum tal-UE u biex dawn jinġiebu f'konformità mal-limiti planetarji sa mhux aktar tard mill-2050, peress li tali miri jikkontribwixxu għat-tnaqqis u eventwalment għat-tmiem tad-dipendenzi strateġiċi tal-UE;
5. Jistieden lill-UE tnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza tagħha mill-fjuwils fossili billi tinvesti b'mod sinifikanti f'miżuri ta' ffrankar enerġetiku u effiċjenza enerġetika, fit-tiħiħ tal-kapaċitajiet domestiċi tal-enerġija rinnovabbli u fid-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali, f'konformità mal-istrateġija tal-UE għall-integrazzjoni settorjali; ifakkar li l-eletrifikazzjoni diretta tal-proċessi li joperaw f'temperaturi baxxi u medji, inklużi t-tkessiħ, it-tiħin tal-ispazju, il-ġenerazzjoni tal-fwar u t-tnixxif, tista' telimina aktar minn nofs il-konsum tal-gass tal-industriji tal-UE;
6. Jinsisti fuq l-importanza tal-prevedibbiltà, taċ-ċertezza u tas-sinjali fit-tul għall-investituri u għal aġenti ekonomiċi oħra għall-iffaċilitar u għat-tiħiħ tal-bidliet vitali fl-ekonomija kollha; jišhaq fuq il-ħtieġa li jiġi adottat approċċ olistiku għat-trasformazzjoni tal-industrija tal-UE, filwaqt li titqies mhux biss il-ħtieġa li jiġu żviluppati industriji b'emissjonijiet zero iżda wkoll li jiġu limitati impatti ambjentali oħra f'konformità mal-prinċipju ta' "ebda ħsara sinifikanti";
7. Jappella għat-tneħħija gradwali tal-eżenzjonijiet u s-sussidji tat-taxxa għall-fjuwils fossili mhux aktar tard mill-2025, il-prevenzjoni tal-investment f'infrastruttura ġdida inkompatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi u b'mod partikolari l-investment fi kwalunkwe infrastruttura ġdida għall-fjuwils fossili, u l-issikkar tal-qafas regolatorju dwar l-

emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) permezz ta' standards regulatorji, projbizzjonijiet u mekkaniżmi tas-suq biex tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2040; jistieden lill-Kunsill biex finalment jaqbel dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija meħtieġa; jenfasizza li s-sussidji tal-Istati Membri għall-fjuwils fossili jammontaw għal aktar minn EUR 55 biljun fis-sena<sup>3</sup>;

8. Jinsisti li l-istrateġija industrijali tal-UE trid tkun inklużiva u tinkludi lill-atturi kollha li joperaw fil-katina tal-valur kollha, mill-iżgħar negozji ġodda sal-akbar kumpaniji, mid-dinja akkademika sar-riċerka, mill-fornituri tas-servizzi sal-fornituri, u tinkludi wkoll it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi;
9. Jissottolinja li istituzzjonijiet kbar bħall-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi għandhom jitolbu bidla komprensiva għall-intaxxar tat-tniġġis; jinnota li t-tassazzjoni hija meqjusa bħala l-aktar mod effettiv ta' kif jiġi pprezzat il-karbonju; jenfasizza l-fatt li t-taxxi ambjentali għandhom il-potenzjal li jkopru l-ħtieġa ta' dħul addizzjonali filwaqt li jappoġġjaw ekonomija reżiljenti, kompetittiva, sostenibbli u ħielsa mill-karbonju;

### ***Politika kummerċjali ġusta u sostenibbli tal-UE***

10. Jisħaq li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ mingħajr it-trawwim jew il-ħtieġa ta' standards għoljin ta' produzzjoni fil-pajjiżi sħab tista' twassal għal dumping soċjali u ambjentali, iżżid il-kost ekonomiku u soċjali tat-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima fl-UE u twassal biex in-negozji jirrilokaw l-attivitajiet ekonomiċi lejn pajjiżi terzi;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tal-UE tappoġġja t-tranżizzjoni tal-industrija ekoloġika fl-UE u fil-pajjiżi sħab billi żżomm lura milli tilliberalizza jew tiffaċilita l-kummerċ ta' oġġetti u servizzi mhux sostenibbli, billi tappoġġja miżuri klimatiċi relatati mal-kummerċ, l-inklużjoni ta' inizjattivi għat-tneħħija gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent fi ftehimiet rilevanti, u billi tintemm il-protezzjoni tal-investimenti fil-fjuwils fossili fi ftehimiet ta' investiment;
12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal strateġija kredibbli dwar it-tnaqqis tar-riskju miċ-Ċina sabiex tinkiseb awtonomija strateġika tal-UE f'setturi kritiċi u strateġiċi ewlenin, li trid tinkludi implimentazzjoni u infurzar robusti tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin, l-Istrument kontra l-Koerċizzjoni, l-Istrument Internazzjonali għall-Akkwist Pubbliku u mekkaniżmu ta' skrinjar tal-investiment dirett barrani tal-UE aktar b'saħħtu li għandu jkopri wkoll l-investimenti 'l barra; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiproteġi lill-industrija tal-UE minn kompetizzjoni inġusta bbażata fuq id-dumping soċjali u ambjentali u twaqqaf l-għajbien tas-setturi industrijali strateġiċi tal-UE billi tipproponi malajr riforma tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ biex tqassar il-perjodu ta' żmien għall-użu ta' dawn l-istrumenti u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jilħqu fehma komuni ta' x'jikkostitwixxi sigurtà ekonomika tal-UE f'dan il-kuntest sabiex l-UE tkun tista' tkun mgħammra bl-għodod ta' politika u bl-istrutturi ta' governanza meħtieġa;
13. Jilqa' l-istrumenti kummerċjali awtonomi l-ġodda tal-UE u r-regoli tas-suq intern, dawk

<sup>3</sup> [https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/RW22\\_01/RW\\_Energy\\_taxation\\_MT.pdf](https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/RW22_01/RW_Energy_taxation_MT.pdf).

speċjalment relatati mal-pjan ta' azzjoni tal-ekonomija ċirkolari, li jirrikjedu li l-produtturi li jqiegħdu prodotti fis-suq intern jissodisfaw l-istess standards ta' produzzjoni bħall-produtturi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa aktar u ssaħħa dan l-approċċ;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-infurzar tar-regoli tas-suq intern relatati mal-metodi ta' proċess u ta' produzzjoni, inkluż permezz ta' riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u billi jallokaw aktar riżorsi lill-awtoritajiet doganali, lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u lil awtoritajiet kompetenti oħra;
15. Jistieden lill-Kummissjoni tiproteġi l-ispazju ta' politika tal-UE u tal-pajjiżi sħab fejn jistgħu jiżviluppaw industriji li huma strateġiċi għat-tranżizzjoni tal-enerġija, inkluża l-kapaċità tal-pajjiżi sħab li huwa rikki fir-riżorsi li jittrasformaw, jipproċessaw u jirfinaw il-materja prima; jissottolinja l-hteġa li l-UE tippromwovi r-riċiklaġġ u s-sostituzzjoni tal-materja prima, inkluż billi tappoġġja aktar ir-R&Ż; jisħaq fuq il-benefiċċju għall-industriji tal-UE li jkollhom diversi fornituri ta' materja prima pproċessata u li jiżviluppaw suq sekondarju għall-materja prima;
16. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi biex tfittex alleanzi ma' pajjiżi sħab li jixtiequ wkoll jistabilixxu politiki industrijali tat-teknoloġija nadifa billi jippromwovu l-allinjament tal-istandards tekniċi, l-allinjament tal-programmi ta' inċentivi u regoli komuni dwar is-sussidji ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi assistenza finanzjarja u teknika lill-pajjiżi l-anqas żviluppati li jixtiequ jsiru sħab tal-UE fl-użu ta' teknoloġija nadifa ġdida u l-ktajjen tal-provvista tagħha;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra s-sostenibbiltà fil-kapitoli kollha tal-ftehimiet kummerċjali, tintegra l-mudell il-ġdid tagħha ta' kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD) fi ftehimiet kummerċjali futuri u pendent u taħdem ma' pajjiżi sħab dwar l-aġġornament tal-kapitoli dwar it-TSD ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti tal-UE sabiex jiġi pprevenut id-dumping soċjali u ambjentali; jilqa' l-leġiżlazzjoni tal-UE li għadha kif ġiet adottata kontra d-deforestazzjoni importata, il-leġiżlazzjoni li tipprojbixxi l-prodotti magħmula b'xogħol furzat u l-leġiżlazzjoni Ewropea l-ġdida dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva;
18. Jistieden lill-Kummissjoni ssib bilanċ bejn l-infurzar tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali u l-inkoraġġiment tal-innovazzjoni, l-iżgurar tal-aċċess għat-teknoloġiji nodfa meħtieġa għat-tranżizzjoni, kif ukoll l-aċċess għall-mediċini; jilqa' t-tħabbira reċenti mill-Gvern tal-Indja li se jfittex rinunzja minn aspetti tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali relatati mal-kummerċ (TRIPS) biex jinkoraġġixxi l-kummerċ f'teknoloġija nadifa; jissottolinja li l-flessibbiltajiet previsti fil-ftehim TRIPS għandhom jintużaw biex jindirizzaw l-iskarsezzi potenzjali fil-provvisti ta' mediċini;
19. Jisħaq li l-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni juża rekwiżiti tal-kontenut lokali bħala kundizzjoni għall-allokazzjoni ta' krediti tat-taxxa addizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-effett ta' dawn il-klawżoli fuq il-ktajjen tal-provvista u l-impjiegi fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku; huwa tal-fehma li r-regoli kummerċjali għandhom jippermettu rekwiżiti ta' kontenut lokali jekk ikunu ta' benefiċċju għat-tranżizzjoni industrijali ekoloġika u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

20. Iwissi kontra ġirja dannuża u mhux immirata ta' sussidji fl-Unjoni Ewropea li tibbenefika biss lil kumpaniji kbar u lill-azzjonisti ta' tagħhom; iwissi b'mod speċjali kontra kompetizzjoni fiskali aggressiva aċċellerata permezz tal-użu ta' krediti tat-taxxa; josserva li l-Patt Globali dwar it-Taxxa li ntlaħaq dan l-aħħar bl-intermedjazzjoni tal-G20 u tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi jintroduċi trattament favorevoli għall-krediti tat-taxxa rimborżabbli, li fil-fatt huma sussidji diretti permezz tas-sistema tat-taxxa; jistieden lill-UE tfassal regoli li jiddefinixxu krediti tat-taxxa dannużi; jenfasizza li l-kreditu tat-taxxa ma għandhomx iservu l-uniku għan li jitnaqqas il-piż tat-taxxa ta' kumpaniji kbar għad-detriment tal-finanzi pubbliċi u li jiġu mminati r-rati minimi tat-taxxa globali;
21. Jenfasizza li l-qafas legali dwar l-akkwist pubbliku jrid jistabilixxi l-inċentivi t-tajba għal ekonomija innovattiva, soċjalment inklużiva u sostenibbli fl-UE; jesprimi dispaċir f'dan ir-rigward għall-fatt li l-biċċa l-kbira tal-proċeduri ta' akkwist jużaw biss l-aktar prezz baxx bħala l-kriterju tal-għoti; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku biex tmur lil hinn mill-kriterju tal-prezz l-aktar baxx u tinkludi kriterji obbligatorji għall-għoti tas-sostenibbiltà; jišhaq li tali kriterji se jiżguraw li n-negozji lokali li jipprovdu prodotti u servizzi sostenibbli jkunu f'pożizzjoni tajba biex jirbħu l-offerti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-SMEs ikollhom aċċess ġust għall-kuntratti ta' akkwist pubbliku; jitlob l-adozzjoni ta' miri minimi għal prodotti u materjali newtrali għall-klima, prodotti u servizzi li jistgħu jerġgħu jintużaw, li jissewwew u effiċjenti fir-riżorsi fir-regoli dwar l-akkwist pubbliku; iżid jgħid li tali qafas għandu jistabilixxi rekwiżiti ta' rapportar aktar stretti sabiex jippermetti l-monitoraġġ tal-progress f'dawn l-oqsma; jišhaq li dawn il-bidliet se jappoġġjaw l-iżvilupp ta' industrij Ewropej sostenibbli b'mod mhux diskriminatorju;
22. Jenfasizza li l-investimenti fil-ħiliet u fil-kapaċitajiet huma essenzjali biex tiġi appoġġjata l-bidla tal-akkwist pubbliku lejn is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tistabilixxi network Ewropew ta' xerrejja pubbliċi sabiex tiġi skambjata l-informazzjoni, jiġu żviluppati proċeduri ta' akkwist konġunt u tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-akkwist pubbliku sostenibbli;

### ***Pjan industrijali tal-Patt Ekoloġiku***

23. Jinnota t-tħabbira reċenti li saret mill-President von der Leyen fil-Forum Ekonomiku Dinji f'Davos dwar pjan industrijali tal-Patt Ekoloġiku, li turi r-rieda tal-UE li tingħaqad mal-ġirja tal-manifattura tat-teknoloġija ta' enerġija nadifa; jilqa' l-ambizzjoni ddikjarata li jinbena rispons ikkoordinat u magħqud biex tissaħħaħ u tinbena l-bażi industrijali fil-qalba ta' ekonomija newtrali għall-klima, ċirkolari u effiċjenti fir-riżorsi;
24. Jilqa' s-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni mħabbra tal-proċess ta' notifika għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI), u jinsisti fuq il-ħtieġa li titqies kif xieraq il-kapaċità tal-SMEs li jipparteċipaw u regoli aktar stretti dwar il-prevenzjoni ta' proġetti ta' fjuwils fossili;
25. Jenfasizza l-importanza tal-investment fl-effiċjenza enerġetika u fl-iffrankar tal-enerġija għall-industriji Ewropej sabiex jitnaqqas l-ispejjeż u tissaħħaħ il-kompetittività globali ta' tagħhom; jitlob li jitwettqu awditi tal-enerġija u li jsiru rakkomandazzjonijiet tal-awditjar vinkolanti fuq il-kumpaniji: jitlob li jingħata appoġġ speċifiku lill-SMEs biex



jimplimentaw dawn il-bidliet; jappella għal strateġiji ddedikati u oqfsa regolatorji u finanzjarji permanenti biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tal-industriji fir-rispons għad-domanda għall-enerġija, fit-trasferiment tad-domanda u fil-ħżin, inkluż b'mod integrat fil-livell lokali u reġionali u fl-użu mill-ġdid obbligatorju ta' sħana eċċessiva inevitabli mill-proċessi industrijali biex jiġi evitat li tintilef is-sħana;

26. Jilqa' l-inklużjoni tal-prinċipju "l-ewwel tat-tip tiegħu" fl-Ewropa fil-proposta tal-Kummissjoni għal Att tal-UE dwar iċ-Ċipep, li jista' jipprovdi appoġġ għall-innovazzjoni sostenibbli tal-prodotti u tal-proċessi tul il-katina tal-valur tas-semikondutturi kollha tal-UE u jinċentiva l-investment pubbliku u privat f'dan is-settur kritiku;
27. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ b'leġislazzjoni robusta u ambizzjuża bbażata fuq metodoloġija kredibbli għad-domanda futura għall-materja prima fl-ekonomiji tal-enerġija, ir-riċiklaġġ u l-effiċjenza fl-enerġija sabiex titnaqqas id-dipendenza tal-UE minn materja prima strateġika u kritika; jinkoraġġixxi l-promozzjoni tar-riċiklaġġ jew tas-sostituzzjoni ta' materja prima kritika billi jiġu ssikkati r-regolamenti tal-UE, billi jiġu promossi r-riċerka u l-iżvilupp tal-manifattura "ċirkolari skont id-disinn", speċjalment biex jitrawwem prodott għas-sostituzzjoni tal-prodotti meta jkun possibbli; jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti dwar ir-riformi tat-taxxa meħtieġa għal dan il-għan;
28. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-manifattura tal-UE f'teknoloġiji strateġiċi ewlenin, bħall-enerġija solari u eolika, il-pompi tas-sħana, il-grilji tal-elettriku, il-batteriji, il-ħżin tal-enerġija fit-tul, il-manifattura tal-elettrolizzaturi għall-idroġenu rinnovabbli u materjali tal-bini sostenibbli prefabbricati; jilqa' t-tnedija tal-Alleanza Ewropea għall-Industrija Fotovoltajka Solari u tal-Pjattaforma Ewropea għal Teknoloġija Nadifa fi tmiem l-2022;
29. Jisħaq fuq l-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-użu estensiv madwar l-UE ta' teknoloġiji u proċessi b'emissjonijiet żero, li għalihom il-prezz attwali tal-karbonju jista' ma jkunx inkentiv suffiċjenti, permezz ta' għodod innovattivi bħall-kuntratt għad-differenza għall-karbonju (CCfDs) tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni tal-UE biex jippermetti l-bidu tas-CCfDs tal-UE; jisħaq li dawn is-CCfDs tal-UE għandhom iqisu wkoll il-ħtieġa li jiġu mminimizzati impatti ambjentali oħra; jisħaq, barra minn hekk, li għandu jiġi żgurat li s-CCfDs tal-UE ma jiddevjawx l-enerġija rinnovabbli minn skopijiet oħra li huma tant meħtieġa;
30. Jisħaq fuq il-ħtieġa kbira li jiżdied l-appoġġ għat-teknoloġiji nodfa fuq skala ta' dimostrazzjoni biex jgħinuhom jegħlbu t-teknoloġiji konvenzjonali malajr kemm jista' jkun, b'mod partikolari l-idroġenu kompletament ibbażat fuq ir-rinnovabbli għall-użi mhux enerġetiċi, l-azzar, is-sustanzi kimiċi u s-siment b'emissjonijiet żero, il-ġenerazzjoni tal-enerġija eolika u mill-oċeani lil hinn mill-kosta li żżomm f'wiċċ l-ilma, il-ħżin tal-enerġija fit-tul u t-teknoloġiji tal-ekonomija ċirkolari;
31. Jappella għall-ħolqien ta' "ċentri ekoloġiċi" fl-Istati Membri, li jaġixxu bħala punti uniċi ta' servizz għall-għoti ta' informazzjoni ċentralizzata, pariri, assistenza u korsijiet ta' taħriġ, speċjalment għall-SMEs, dwar it-trasformazzjoni għal negozji ambjentalment sostenibbli;
32. Jirrikonoxxi r-rwol ewlieni li jista' jkollha t-teknoloġija fl-UE biex tilħaq ekonomija

newtrali għall-klima, ċirkolari u ġusta, filwaqt li jibqa' kawt dwar is-soluzzjonijiet teknoloġiċi; jinsab imħasseb ħafna dwar żviluppi bħall-ġeoinginerija teknika, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju għal attivitajiet għajr l-emissjonijiet residwi inevitabbli tal-proċessi industrijali li għalihom ma teżisti l-ebda alternattiva u mis-settur emerġenti tal-estrazzjoni f'qiegħ il-baħar fond;

33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu spinta sinifikanti lill-baġits għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni biex jintlaħaq l-oġettiv ta' 3 % tal-PDG tal-UE b'mod ikkoordinat, filwaqt li jagħtu prijorità lill-appoġġ pubbliku għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi li huma diffiċli sabiex jitrażżnu, bħal materjali bażiċi bħas-siment, il-ħadid u l-azzar, is-sustanzi kimiċi u l-petrokimiċi, l-aluminju, u l-polpa u l-karta; iwissi kontra inċentivi tat-taxxa mhux effettivi fuq ir-riċerka u l-iżvilupp bħall-użu mifrux ta' sistema ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi fl-Unjoni; jenfasizza li sabiex ikunu effettivi, l-inċentivi tat-taxxa għandhom jiffukaw fuq l-investimenti magħmula u mhux fuq il-profitti;
34. Jinsab imħasseb dwar il-ħolqien ta' kunsiderazzjonijiet ta' politika li għandhom tendenza jikkunsidraw il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa bħala li huma kontra l-iżvilupp rapidu tal-attivitajiet industrijali; jafferma li r-reindustrijalizzazzjoni tal-UE tista' u trid timxi id f'id mal-protezzjoni tan-natura u mat-titjib tas-saħħa u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li n-natura u l-bijodiversità ma jridux ikunu d-dannu kollaterali ta' ġirja lejn in-newtralità klimatika;

#### ***Finanzjament xieraq biex tiġi żgurata reindustrijalizzazzjoni ekoloġika tal-UE***

35. Ifakkar li t-tranżizzjoni ekoloġika tirrikjedi investiment pubbliku u privat annwali addizzjonali ta' EUR 520 biljun<sup>4</sup>; jisħaq li l-finanzjament tal-UE se jkollu rwol kruċjali biex inaqqas din id-diskrepanza fl-investiment, li hija kundizzjoni meħtieġa għal reindustrijalizzazzjoni ekoloġika b'suċċess tal-Unjoni;
36. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta b'mod urġenti proposta leġiżlattiva għal fond ta' sovraniżat Ewropew ibbażat fuq self ta' dejn komuni fil-livell Ewropew fuq il-mudell tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, iżda b'aktar skrutinju u sorveljanza parlamentari; jinsisti fuq ir-rwol kritiku li dan il-fond il-ġdid ikollu fiż-żamma u t-tiħiħ tal-koeżjoni u s-solidarjetà bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri, fiż-żieda tal-investiment pubbliku tal-UE fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġiji rinnovabbli u fl-ingranaġġ tal-assi industrijali kullimkien fl-Unjoni;
37. Jisħaq fuq l-importanza li dan il-fond il-ġdid ikun allinjat bis-siħ mal-impenji klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u li jinkludi rekwiżiti sodi ta' "ebda ħsara sinifikanti" dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni kif ukoll il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi;
38. Jappella għal żieda fil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali (QFP) u għal approprijazzjonijiet baġitarji ġodda għall-programmi attwali bħala parti mir-

---

<sup>4</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2021 bit-titolu "L-ekonomija tal-UE wara l-COVID-19: implikazzjonijiet għall-governanza ekonomika" (COM(2021)0662).

reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP; jisħaq fuq il-prinċipju li prijoritajiet ġodda jirrikjedu flus ġodda; jissottolinja li dan il-prinċipju huwa saħansitra aktar importanti minħabba l-impatt sostanzjali tal-inflazzjoni fuq il-baġit tal-UE, li għandu jiġi indirizzat kif xieraq ukoll fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP;

39. Jissottolinja l-ammonti bla preċedent ta' għajnuna mill-Istat approvata fl-ambitu tal-Qofsa Temporanji ta' Għajnuna mill-Istat għall-kriżijiet biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi tal-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna; iwissi dwar il-kapaċità fiskali differenti tal-Istati Membri biex jipprovdu għajnuna mill-Istat u dwar ir-riskju serju ta' kompetizzjoni inġusta u b'hekk dwar il-frammentazzjoni tas-suq uniku minħabba li 80 % tal-impenji tal-għajnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Qafas Temporanju ġejjin minn żewġ Stati Membri biss; jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni li tissalvagwardja l-kundizzjonijiet ekwivalenti fost l-Istati Membri billi tikkomplementa l-illaxkar tar-regoli ta' appoġġ għall-għajnuna mill-Istat b'finanzjament konġunt tal-UE sabiex jiġi żgurat li kull Stat Membru jkun jista' jinvesti fit-tranżizzjoni ekoloġika;
40. Jieħu nota tal-modifika proposta tal-Qafas Temporanju għall-Kriżi u t-Tranżizzjoni għall-Għajnuna mill-Istat sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jkomplu jappoġġjaw it-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli; ifakkar fl-importanza imperattiva li jiġi żgurat li kwalunkwe appoġġ għall-għajnuna mill-Istat ikun allinjat mal-miri Ewropej għall-klima u l-enerġija għall-2030 u jikkonforma mal-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika l-ewwel; jisħaq li kwalunkwe flessibbiltà akbar dwar ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li tippermetti appoġġ għal attivitajiet sostenibbli għandha tkun akkumpanjata minn ssikkar ta' dawn ir-regoli biex jiġi pprevenut li l-għajnuna mill-Istat tmur għal attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent; jitlob, barra minn hekk, li l-appoġġ għall-għajnuna mill-Istat isir kondizzjonali fuq li l-kumpaniji riċevituri jadottaw pjanijiet kredibbli ta' dekarbonizzazzjoni u pjanijiet ta' taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol sabiex jikkontribwixxu għall-impenji soċjali, klimatiċi u enerġetiċi tal-UE;
41. Jieħu nota tas-suġġeriment li jiġu offruti eżenzjonijiet mit-taxxa lil kumpaniji fir-reviżjoni proposta tal-Qafas Temporanju għall-Kriżi u t-Tranżizzjoni għall-Għajnuna mill-Istat; jenfasizza li l-inċentivi tat-taxxa għandu jkollhom l-għan li jattiraw investimenti reali, li jfisser assi tanġibbli u impjegi; jinnota bi tħassib li ammont sinifikanti ta' finanzjament mill-gvern diġà qed jintilef permezz ta' eżenzjonijiet mit-taxxa ineffettivi, tnaqqis, krediti, differimenti u rati tat-taxxa mnaqqsa; iħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu b'attenzjoni l-inċentivi tat-taxxa sabiex il-benefiċċji għas-soċjetà jisbqu l-ispejjeż għall-fondi pubbliċi; jistieden lill-Istati Membri jwettqu analiżijiet annwali, dettaljati u pubbliċi tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' kull dispożizzjoni tat-taxxa;
42. Ifakkar fil-ħtieġa urġenti li l-UE tadotta riżorsi proprji ġodda għall-baġit tal-UE; jistieden lill-Kunsill japprova l-ewwel basket ta' riżorsi proprji ppreżentat mill-Kummissjoni bħala kwistjoni ta' prijorità; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta t-tieni basket ambizzjuż ta' riżorsi proprji ġodda b'mezzi suffiċjenti għall-ħtiġijiet attwali; jitlob b'mod partikolari l-inklużjoni ta' riżorsi proprji, bħal taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji jew taxxa fuq il-pitrolju, li tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika tal-UE, inkluża t-tranżizzjoni ekoloġika;
43. Jappella għar-riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir permezz ta' proposti leġiżlattivi

aktar milli bidliet mhux leġiżlattivi, sabiex l-UE tkun tista' tantiċipa l-investiment għat-tweqqi ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u ġusti filwaqt li żżomm is-sostenibbiltà tad-dejn fi klima li qed tinbidel; iqis li l-ħolqien ta' fond għdid għas-sovranià tal-UE huwa komplementari għal riforma ambizzjuża tar-regoli fiskali tal-UE, peress li jiżgura investimenti indipendentement mill-ispejjeż individwali tas-self tal-Istati Membri u l-predispożizzjoni politika biex tiġi indirizzata t-tranżizzjoni ekoloġika;

44. Jisħaq li ammont konsiderevoli ta' dħul diġà huwa disponibbli għall-Istati Membri mill-irkant tal-kwoti tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, li diġà jista' jintuża biex tiġi ffinanzjata d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-UE; ifakkar li l-użu tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq għall-finanzjament parzjali ta' miżuri fl-ambitu tar-REPowerEU għie aċċettat bħala miżura straordinarja ta' darba biss li ma għandhiex tiġi rreplikata fil-futur;
45. Jenfasizza li s-sistemi tat-taxxa attwali diġà qed jiffaċċjaw u se jiffaċċjaw dejjem aktar xokkijiet severi filwaqt li l-finanzi pubbliċi se jkollhom bżonn ikollhom rwol ewlieni biex jippermettu t-tranżizzjonijiet lejn is-sostenibbiltà u jwieġbu għad-domanda dejjem tikber għall-infiq f'oqsma bħall-pensjonijiet u s-saħħa; jistieden lill-Kummissjoni għaldaqstant tnedi evalwazzjoni komprensiva, li għandha tiġi segwita minn pjan ta' azzjoni, dwar distorsjonijiet eżistenti u importanti fl-oqsma kollha tat-taxxa li jistgħu jimpedixxu serjament lill-Istati Membri milli jirrifomaw is-sistemi fiskali tagħhom biex jiproteġu l-bażi għat-taxxa tagħhom u joħlqu taħlita tat-taxxa reżiljenti u ġusta;
46. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tressaq il-proposta L-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT) għat-tnaqqis tal-kostijiet ta' konformità u l-ħolqien ta' approċċ koerenti għat-tassazzjoni korporattiva fl-Unjoni filwaqt li tiġi żgurata distribuzzjoni aktar effettiva u ġusta tal-profitti fost l-Istati Membri; jaqbel li sistema tat-taxxa kompetittiva għall-kumpaniji hija waħda li toffri sempliċità, ġustizzja u ċertezza tat-taxxa;
47. Jinnota bi tħassib li ma teżisti l-ebda gwida ċara u olistika dwar kif it-tassazzjoni għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku u jqis li s-sistema tat-tassazzjoni għandha għalhekk tiġi riformata;

### ***Reindustrijalizzazzjoni ekoloġika li toħloq impjiegi ta' kwalità għall-ħaddiema Ewropej***

48. Jisħaq li n-nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati huwa ostaklu ewlieni għall-kisba tat-tranżizzjoni ekoloġika Ewropea u li politika industrijali ekoloġika tal-UE għandha l-potenzjal li tkun wieħed mis-sorsi ewlenin tal-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa fis-snin li ġejjin, kemm fis-setturi emerġenti kif ukoll f'dawk tradizzjonali, peress li l-attivitajiet ekonomiċi sostenibbli huma aktar intensivi fix-xogħol mill-attivitajiet li jissostitwixxu; jenfasizza li sal-2030 se jinħolqu 25 miljun impjieg ekoloġiku għdid bħala parti mit-tranżizzjoni tal-enerġija, b'160 000 impjieg fis-settur tal-kostruzzjoni tal-UE biss permezz tal-mewġa ta' rinnovazzjoni tal-bini li ġejja;
49. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti spinta lit-taħriġ mill-għdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema Ewropej sabiex l-industriji nodfa tal-futur ifeġġu aktar malajr u tiġi ffaċilitata l-bidla tal-ħaddiema minn industriji li qed imajnaw u li qed jitneħħew gradwalment lejn dawn l-industriji l-ġodda, fi spirtu ta' koeżjoni, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet ġeografiċi madwar l-Unjoni; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza tal-promozzjoni

tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-ġeneru, l-opportunitajiet indaqs u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri, lill-gvernijiet reġjonali u lill-awtoritajiet lokali jadottaw u jimplementaw, flimkien mas-sħab soċjali u l-fornituri tat-taħriġ, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-istrateġiji ta' antiċipazzjoni bl-objettiv li jittejbu l-ħiliet ġeneriċi, settorjali u speċifiċi għall-okkupazzjoni;

50. Jistieden lill-Kummissjoni torbot din il-politika industrijali ekoloġika tal-UE ma' aġenda orjentata lejn il-ħaddiema, b'kondizzjonalitajiet soċjali li jirfdu l-pagi nnegożjati b'mod kollettiv, apprendistati ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;
51. Jitlob li t-taxxi jċaqilqu l-mira tagħhom mix-xogħol lejn il-kapital, il-ġid u t-tniġġis; jinnota li d-dħul mit-taxxi fuq it-tniġġis u r-riżorsi b'mod partikolari baqa' baxx ħafna, u madankollu dawn joffru sors potenzjali ta' żieda fid-dħul permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u huwa diffiċli li jiġi evitat minħabba n-natura tal-bażi tat-taxxa;
52. Josserva li fis-suq uniku, l-attivitajiet transfruntiera għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom għadhom kumplessi fil-livell amministrattiv minn perspettiva ta' taxxa u ta' sigurtà soċjali; josserva, barra minn hekk, li l-possibbiltà akbar ta' telexogħol aggravat din il-problema;
53. Jitlob li t-taxxa fuq l-introjtu personali tkun imfassla biex tippromwovi b'mod attiv il-kondiviżjoni ugwali tad-drittijiet tax-xogħol imħallsa u mhux imħallsa, id-drittijiet tal-introjtu u tal-pensjoni bejn in-nisa u l-irġiel, u biex telimina inċentivi li jipperpettaw rwoli inugwali tal-ġeneru;
  - o
  - o o
54. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.